



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**B9-0551/2022**

1.12.2022

## **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

imressqa skont l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-protezzjoni tal-infrastruttura kritika fl-Ewropa

**Markus Buchheit, Marco Zanni, Nicolaus Fest, Marco Campomenosi,  
Harald Vilimsky, Dominique Bilde, Antonio Maria Rinaldi, Bernhard  
Zimniok, Gunnar Beck, Christine Anderson, Guido Reil, Georg Mayer,  
Roman Haider, Jaak Madison**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-protezzjoni tal-infrastruttura kritika fl-Ewropa**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - A. billi l-kompetituri globali tal-Istati Membri tal-UE, b'mod partikolari r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, ifittxu li joħolqu u jisfruttaw id-dipendenzi ekonomiċi billi jakkwistaw infrastruttura kritika;
  - B. billi l-korporazzjonijiet Ċiniżi b'mod partikolari mhumiex iffukati biss fuq il-profitti, iżda huma wkoll magħrufa għall-interferenza tagħhom fl-istrutturi ekonomiċi (eż. il-provvista tal-elettriku jew is-sistema tat-telekomunikazzjoni) tas-şhab kummerċjali tagħhom, inkluż l-użu ta' ksur tal-liġi tax-xogħol biex jeżerċitaw influwenza;
  - C. billi erbgħa mill-ħames l-akbar portijiet fl-UE digħi għandhom parti kkonċernata Ċiniż (COSCO);
  - D. billi l-protezzjoni tal-infrastruttura kritika tagħmel parti mill-kompetenza tal-Istati Membri;
1. Jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-bejgħ ta' infrastruttura kritika, kemm mis-settur pubbliku kif ukoll minn dak privat, sabiex tiproteġi s-suq intern u ssahħħah il-ktajjen tal-provvista;
  2. Jistieden lill-Kummissjoni tgħin lill-Istati Membri jiggarantixxu sehem ta' mblukkar vinkolanti matul il-bejgħ ta' infrastruttura kritika;
  3. Jistieden lill-Kummissjoni biex, meta timmonitorja l-bejgħ ta' infrastruttura kritika, ma tharissx biss lejn kull każ individwalment, iżda wkoll lejn l-infrastruttura kritika kollha sabiex tīgi evitata ż-żieda ta' monopolji ta' pajjiżi terzi.